**28 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Salvatore Psaila et.

*versus*

Raphael Conner

**Sentenza — Żball fl-Isem jew il-Kunjom tal-Partijiet — Nullità — Appell.**

*Hi ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna illi l-Qorti tal-Appell ma t'stgħax tikkoreġi żball fl-isem tal-partijiet fi skrittura preżentata fl-ewwel istanza. F'kontinġenzi simili, is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi annullata.*

Il-Qorti; Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-fond nru. 39 New Street, Pawla, mikri lill-intimat, billi huma jinsabu żgumbrati b'sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tas-27 ta' Mejju 1957 fl-ismijiet "Marianna Parlar vs. Salvatore Psaila", konfermata fl-Appell fid-29 ta' Lulju 1957;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni tal-Board fuq imsemmi tat-13 ta' Novembru 1957, li biha ċaħad l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat u laqa' t-talba, u ta lill-istess intimat, għall-fini tal-iżgumbrament, iż-żmien ta' xahar; u ordna li l-ispejjeż, fiċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Rat ir-rikors tal-intimat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi dikjarata nulla, kif ukoll nulli l-attijiet kollha tar-rikors, minħabba żball f'kunjomu;

jew, alternativament, li fil-meritu tiġi revokata, u miċħuda t-talbiet; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Tibqa', għalhekk, il-kwistjoni tal-iżball fil-kunjom tal-intimat;

Mid-dokument eżibit jirriżulta li kunjomu ma jinkitebx "Conner", iżda "Connor", apparti li hu żbaljat anki l-isem;

Fir-rikors u fis-sentenza "de qua" il-kunjom hu ndikat bħala "Conner", u l-isem hu ndikat bħala "Raphael" f'lok "Efrem";

Hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi din il-Qorti ma tistax tikkoreġi żball fl-isem fi skrittura preżentata fl-ewwel istanza; u f'kontinġenzi simili s-sentenza għandha tiġi revokata (ara Kollez. Vol XXXV-I-247; u Vol XXXVI-I-200);

Ikkunsidrat, kwantu għall-ispejjeż, illi, għad li l-konvenut, fl-unika skrittura li ppreżenta fl-ewwel istanza, ġieb kunjomu bħala "Connor" (fol. 15), b'dan kollu, non ostanti li l-kawża ġiet għat-trattazzjoni tliet darbiet (16 ta' Settembru, 2 u 28 ta' Ottubru, 1957), hu ma ssolleva ebda nċident dwar dan l-iżball f'kunjomu fl-ewwel istanza, u ssollevah issa, fl-appell;

Għalhekk tiddeċidi, billi tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija, billi tillibera lill-intimat appellant "ab observantia"; u tordna illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru bin-nofs.